MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 2662/2002

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurata taghha Maria Theresa Costa abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Maria Theresa Costa**

**Vs**

**Joseph Grima**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz li fiha l-atturi talbu l-ammont ta' Lm69.90c (disgha u sittin lira Maltin u disghin centezmu) rappresentanti danni wara incident tat-traffiku.

Ra r-Risposta li fiha l-konvenut qal li ma kienx responsabbli ghall-incident billi l-vettura tieghu kienet

ipparkjata. Il-konvenut sostna li ma kien involut f'ebda incident.
Sema' x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

Maria Theresa Costa qalet li hija assikurata bil-polza comprehensive. Illi dak in-nhar tal-incident hi pparkjat minflok karozza ohra. Illi meta giet lura mill-isptar u sabet Land Rover tal-konvenut riekba fuq il-bonnet tal-karozza taghha. L-attrici qalet li l-parti ta' wara tal-Land Rover "haditli l-bonnet ta' quddiem". Dik il-karozza li hi dahlet min flokha kienet quddiema.

Fil-kontro-ezami Costa qalet li meta pparkjat il-Land Rover ma kienitx hemm. Costa qalet li l-Land Rover kienet riekba sewwa fuq il-bonnet tal-karozza taghha. Il-konvenut dejjem cahad li kien responsabbli ghal hsarat fil-karozza taghha.

Gie esebit affidavit ta' Dorothy Giacomotto li qalet li l-Land Rover KAD 904 kienet imrikba fuq il-bonnet tal-Opel. Giacomotto qalet li hi rat lil Costa gejja minn Guardamangia u fl-ebda hin jew moment ma saqet il-karozza.

Il-konvenut xehed li l-karozza KAD 904 hija tieghu. Hu pparkja biex imur l-isptar. Quddiemu kien hemm vettura li kienet taxi. Warajh ma kien hemm xejn. Il-konvenut qal li hu dahal bir-riverse u pparkja ftit metri l-boghod mit-taxi. Ezatt wara l-konvenut xehed li dahal bil-quddiem u mhux b'lura. Wara li pparkja gholla l-hand brake u mexa lejn l-isptar. Meta gie lura sab mara, mhux l-attrici li qalet "tirkibx ghaliex ghandek karozza go fik". Il-konvenut qal li l-karozza tal-attrici kienet taht ir-rota ta' wara. Il-konvenut qal li billi l-attrici ma kienitx hemm hu baqa' jistenniha. Meta giet l-attrici hi bdiet tghid li hu dahal go fiha. Fil-kontro-ezami l-konvenut qal li meta pparkja ma kienx hemm karozzi warajh it-triq kollha.

Xehdet bil-gurament Dorothy Giacomotto in kontro-ezami li qalet li rat lil attrici gejja fid-direzzjoni taghha bil-pass. L-attrici bdiet tghid li laqtula l-karozza taghha. Hi ma ratx il-habta. Hi rat zewg karozzi go xulxin. Hi ma kellhiex ideja

jekk l-karozzi kienux “imrikba”. Il-Land Rover kienet ipparkjata b’mod normali mal-bankina. Kien hemm karozzi ohra pparkjati fit-triq.

Illi f’kawzi civili l-attur li jallega li xi haga gralu b’tort tal-konvenut irid jipprova huwa a sodisfazzjoni tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx dina l-prova l-azzjoni tieghu ma jistax ikollha ezitu favorevoli, anke jekk il-konvenut ma jipprovax – ghaliex legalment mhux obbligat li jipprova – li l-incident ikun gara tort tal-attur. Dan mhux ghaliex it-tort ghall-incident ikun tal-attur imma sempliciment ghaliex ma jkunx irnexxielu jipprova dak li allega bhala bazi tal-azzjoni tieghu (Noel Mallia noe Vs Alphonse Anastasi PA 3/10/1996). Fil-kawza fl-ismijiet E. Zammit Vs E. Petrococchino deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta’ Frar, 1952 inghad: “il-gudikant fil-kamp civili ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu meta dan jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet”.

Illi hadd mix-xhieda tal-atturi raw l-incident. Illi l-partijiet jikkontradixxu lil xulxin dwar x’gara. Il-konvenut jghid li meta gie lura mill-isptar ra l-karozzi go xulxin filwaqt li l-attrici tghid li meta giet lura mill-isptar rat li l-karozza tal-konvenut kienet imrikba fuq il-karozza taghha. Illi l-atturi fil-argumentazzjoni tal-kawza qalu li l-konvenut mhux kredibli meta jghid li ma kienx hemm karozzi pparkjati u setgha jidhol bil-quddiem. Dan ghaliex dak il-hin hemm visiting hours tal-isptar u jkun hemm hafna karozzi. Illi dan ma jfissirx li necessarjament kien hekk dak in-nhar meta wasal il-konvenut.

Illi t-Tribunal ma ghandux bizzejjed provi biex jikkonkludi li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident.

Ghaldaqstant, jichad it-talba tal-atturi bl-ispejjez kontra taghhom

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------